MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1071/2006

**Micro Technology Consultancy Limited (C27413)**

**Vs**

**Central Security Services Limited (C37351)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Dicembru 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, mija u hamsa u tmenin Liri Maltin u zewg centezmi (Lm1185.02), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes.

Sema` x-xhieda ta' Philip Cortis in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut u wara l-presentata ta l-Avviz odjern ma thallas xejn.

Ra n-nota t'ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tas-7 ta' Frar 2007;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta u hija fuq kollox ammessa, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, mija u hamsa u tmenin Liri Maltin u zewg centezmi (Lm1,185.02), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------